**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2697**

Kaz Numru: 3569/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Sammy M. Hazzouri

u

Mr Owen Falzon
Ms Arlette Falzon Seychell
For San Filippu Pharma Ltd

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**

**Illum il-Hamis 14 ta' Jannar, 2021**

**Introduzzjoni**

It-Tribunal ircieva r-rikors promotorju rregistrat fil-Qorti nhar is-7 ta' Lulju 2017.

Is-Socjeta` Ntimata qajmet hames eccezzjonijiet preliminari.

Permezz tad-Decizjoni Preliminari Numru 2521 tal-5 ta' April 2018 it-Tribunal ordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-Kaz.

Is-Socjeta` bdiet tikri u topera l-ispizerija Mediatrix minghand is-sidien ta' dil-ispizerija. Ir-rikorrent kien jahdem mas-sidien ta' Mediatrix. Is-Socjeta` mpjegat maghha lir-Rikorrent.

1. **Rikors Promotorju**

**1.1.** Ir-Rikorrent kien ilu erba' snin impjegat mal-operaturi ta' qabel. Tant irrikmandawh illi filwaqt illi maghhom kien jahdem fuq bazi *part-time* l-*employer* il-gdid offrielu li jimpjegah *full-time*.

1.2. Is-Socjeta' kienet mill-bidunett illi bdiet topera n-negozju tal-Mediatrix deciza li tehles mill-impjieg tieghu u rat kif ghamlet biex taqbad mal-anqas nuqqas min-naha tieghu biex tibni kaz ta' tkeccija.

1.3. Minflok hallewh jaghmel ix-xoghol ta' farmacista professjonali qabbduh jaghmel xoghol tal-ufficcju u xogholu propja jaghmluh is-*salesgirls*.

1.4. Meta gurnata minnhom il-mara tar-Rikorrent kellha tara l-ispecjalista fl-ispizerija li fiha kien soltu ghal snin shah jahdem fiha, u talab lis-superjura tieghu biex ghal dik il-gurnata jahdem f'dik l-ispizerija biex jakkumpanja l-mara ghand l-ispecjalista, hija rrifjutat.

1.5. Meta jkun jahdem fl-ispizerija solita tieghu u jinzerta li xi farmacista fi spizerija ohra tas-Socjeta` j/tinzerta ma t/jidholx ghax-xoghol, is-superjura tar-Rikorrent kienet tibghat lir-Rikorrent biex joqghod minflok l-ispizjar/a koncernat/a u ddahhal *locum* minflok ir-Rikorrent fl-ispizerija li normalment ir-Rikorrent kien assenjat lilha.

1.6. It-tahrig illi r-Rikorrent inghata fuq is-sistema l-gdida tal-*IT* kien ta' ftit minuti 'l hawn u 'l hinn u dan waqt illi r-Rikorrent ikun qed jaqdi lill-klijenti. Ir-Rikorrent kien talab lis-superjuri tieghu biex ituh siegha tahrig mhux waqt illi jkun qed jaqdi lin-nies; ma nghatax widen.

1.7. Fl-ahhar tal-ewwel xahar illi hadem mas-sidien il-godda, li kien l-uniku xahar shih illi hadem maghhom, thallas anqas milli kien miftiehem.

1.8. Meta ffirma l-kuntratt tax-xoghol gharraf lis-sidien il-godda li huwa kien normalment jiehu kwazi l-btajjel kollha tieghu fis-sajf. Talbuh id-dati; tahomlhom fi zmien tlett ijiem. Qalulu li jisma' minghandhom bil-miktub. Ghaddew sitt gimghat, sa ma tkecca, u baqa' ma samax minghandhom dwar dan, minkejja li fakkarhom darbtejn.

1.9. Meta baghtuh jahdem fi spizerija partikulari u stennew illi jkun kompjacenti u jadotta proceduri llegali huwa rrifjuta li jhaddem tali proceduri. Hadem skond il-prattika ufficcjali u afferma lis-superjura tieghu li l-licenzja ta' farmacista kienet l-unika haga li kellu f'Malta u ma kienx se jikkompromettiha.

1.10. Ir-Rikors jelenka ezempji ta' tali servizzi li skond ir-Rikorrent kienu llegali.

1.11. Fil-15 ta' Marzu 2017 is-superjura tieghu, li kienet sid tal-istess spizerija, ma waqfetx tintimidah u tipprovokah biex jirreagixxi jew jirrizenja. X'hin spicca x-xift ir-Rikorrent mar dritt ghand l-avukat tieghu, spjegalu kif kellu pressjoni kbira li jaghmel proceduri llegali u kriminali, u li ghaliex irrifjuta, saritlu pressjoni li ma bhalha biex jirrizenja; u li hu ma felahx izjed ghal tali pressjoni minghajr ma jirreagixxi. Ghalhekk l-avukat gharraf lis-sidien illi s-Sur Hazzouri,

fix-xift illi jmissu, se jmur jahdem fl-ispizerija fejn kien jahdem is-soltu. Meta wasal l-ispizerija sab *locum*, li dan suppost illi kien assenjat fl-ispizerija li s-Sur Hazzouri ma riedx ikollu x'jaqsam maghha. Wara ftit minuti, r-Rikorrent tkecca mill-impjieg.

**1.12.** Ir-Rikorrent ipprova jikkonvinci lis-sid illi ma haqqux ikun imkecci. Appellalu biex ihallih fl-impjieg sakemm jaghlaq sena servizz, kif miftiehem fil-kuntratt. Izda kien kollu ta' xejn.

**1.13.** Kontra l-provvedimenti tal-Ligi, is-sidien il-godda biddlu l-kundizzjonijiet tal-impjieg tar-Rikorrent.

**1.14.** Ir-Rikorrent kellu *record* tajjeb mhux biss matul l-erba' snin illi ghamel mas-sidien illi kienu ttrasferew in-negozju izda wkoll matul hdax il sena ma spizerija ohra. Ma jistax ikun illi wara dawk is-snin kollha ta' *performance* professjonali f'daqqa wahda r-Rikorrent sar spizjar hazin.

**1.15.** La s-sidien il-godda ma kenux jikkonfondu li jadottaw prattici llegali u kriminali, ma kenux se jiddejqu jiffabbrikaw allegazzjonijiet foloz dwar xoghol ir-Rikorrent.

**1.16.** Ir-Rikorrent inghata biss twiddiba wahda u nghata zmien ta' gimghatejn biss bhala perijodu li matulu kellu juri l-hiliet tieghu. Dan juri l-intenzjonijiet xejn genwini tas-sidien il-godda.

**1.17.** L-izbalji li seta' ghamel ir-Rikorrent kienu minuri u cioe`: minflok disa' ricetti kien ikun iddispensa tmienja, u seta' wkoll kien ikun hemm xi zbalji fil-kwantita` ddispensata. Izda dejjem kien jiccekkja li l-medicina li tinghata kienet tkun dik korretta. Jigifieri qatt ma ghamel zball ohxon u cioe` li ddispensa medicina minflok ohra b'dan illi setghet tkun ta' dannu ghall-pazjent.

**1.18.** It-tahrig li nghata lir-Rikorrent mis-sidien il-godda kien dwar is-sistema tal-*IT* u mhux dwar il-professjoni tieghu. Ir-Rikorrent kien spizjar b'25 sena esperjenza. It-tahrig fuq l-*IT* kien necessarju peress illi s-sistema kienet ghal kollox differenti minn dik illi kien imdorri biha qabel.

**1.19.** Bhala farmacista l-bicca l-kbira tal-hin ghandu jkun fuq il-attenzjoni lejn il-klijenti, u lejn il-bejgh. Ix-xoghol minuri u s-servizzi tal-Ispizerija tal-Ghazla Tieghek ghandu jkun f'idejn l-assistenti. Tant hu hekk illi meta s-sidien il-godda hargu avviz (Dok. 21) ghal farmacista ma talbux ghal hiliet fil-*computer* u lanqas illi l-applikant kellu jkun jaf ix-xoghol tal-Ispizerija tal-Ghazla Tieghek. U dan bir-ragun peress illi s-sidien il-godda kienu jimpjegaw 24 ruh u ghalhekk dejjem kien se jkun hemm xi hadd illi jaghmel il-"*minimal duties*". Filwaqt illi fi spizeriji ta' staff zghir, dawn il-hiliet fil-*computer* u fl-Ispizerija tal-Ghazla Tieghek kienu essenzjali.

1.20. Kien ovvju illi l-ghan tas-sidien il-godda illi jixtru n-negozju kien illi jiehdu n-negozju biss u mhux in-negozju bl-impjegati. Qabel lis-Sur Hazzouri, keccew lill-*Managing Pharmacist.*

1.21. Ir-Rikorrent talab lit-Tribunal biex jordna lis-Socjeta` (a) taghmel apologija qawwija lir-Rikorrent; (b) thallsu l-paga mill-15 ta' Marzu 2017 sal-ahhar ta' Frar 2018, inkluzi l-bonus u n-*notice* (skond il-kuntratt tax-xoghol iffirmat nhar l-1 ta' Frar 2017). Huwa ghamel talbiet ohra li ma jaqghux taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal u ghaldaqshekk ma jistghux ikunu kkunsidrati.

**2. Risposta tas-Socjeta` Ntimata**

2.1. Ir-Rikorrent ikkommetta nuqqasijiet gravi u minkejja li s-Socjeta` gibditlu l-attenzjoni u taghtu opportunita` jirranga permezz ta' twiddib bil-fomm u twiddiba bil-miktub, ma kien hemm l-ebda titjib.

2.2. Fost tali nuqqasijiet serji r-Rikorrent kien halla bieb tal-i*store* ta' spizerija miftuh, u ma kienx kompetenti biex juza s-sistema tal-Ispizerija tal-Ghazla Tieghek, kompetenza li hija krucjali fil-professjoni.

2.3. Is-Socjeta` kienet tircievi hafna lmenti, kemm minn kollegi li ma ridux jahdmu waqt illi r-Rikorrent ikun fl-ispizerija, kif ukoll minn klijenti u dan kemm minhabba l-inkompetenza tieghu u anke peress illi kien igib ruhu b'mod skorrett u b'certu kunfidenza zejda mal-kollegi u mal-klijenti. Pazjenti kienu jilmentaw mas-Socjeta` minhabba zbalji li kien jaghmel meta jaghti l-medicina; per ezempju, kien jirrifjuta li jaghti l-medicina, jaghti ammonti differenti minn dak mitlub fir-ricetta, jipprova jbigh medicina minghajr ricetta, u li ma kienx ghal spizjara ohra fil-hanut kien ikun ser jaghti pariri skorretti dwar medicina lil klijenti.

2.4. Fil-gurnata li tkecca, ir-Rikorrent irrifjuta li jahdem gewwa spizerija fejn kien intbaghat jahdem, baqa' jinsisti li jahdem go spizerija tal-ghazla tieghu u dan bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg u b'konsegwenza li holoq diffikultajiet kbar lis-Socjeta`.

2.5. Ghal dar-ragunijiet, ir-Rikorrent tkecca.

2.6. La r-Rikorrent lahaq l-eta` tal-pensjoni ma kien hemm xejn x'izomm lis-Socjeta` milli tittermina l-impjieg.

2.7. Ma hemm l-ebda flus dovuti lir-Rikorrent min-naha tas-Socjeta`.

2.8. Is-Socjeta` talbet lit-Tribunal jichad it-talbiet tar-Rikorrent u jiddikkjarahom infondati fil-fatt u fid-dritt.

## 3. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

**3.1.** Skond 2.5 is-Socjeta` kecciet lir-Rikorrent minhabba 2.1. sa 2.4. Rigward 2.1. huwa ppruvat illi s-Socjeta` gibdet l-attenzjoni tar-Rikorrent u taghtu opportunita` jirranga permezz ta' twiddib bil-fomm[1]: "Kont nigbidlu l-attenzjoni verbalment. U lanqas nghidlu quddiem il-pazjent ghax mhix etika. Tispicca l-pazjent ma jkollux fiducja fih jigifieri. ... Kont nghidlu wahdu, fl-ispizerija."[2] "Darba minnhom ghedtlu: ma ghandekx bzonn forsi vista tan-nuccali u forsi m'intix qed tara l-ittri tajjeb?" Qalli, "Qed tghajjarni ghama?... Mela r-risposta tieghu kienet dik hekk li qed jara tajjeb mela jiena ma stajt naghmel xejn iktar *sort of.*"[3]

Fit-twiddiba bil-miktub ir-Rikorrent kien akkuzat illi jaghmel xoghol hafna anqas mill-medja meta kkumparat max-xoghol illi kienu jaghmlu shabu fuq ix-xoghol.

Skond ir-*reprimand* ir-Rikorrent kellu problema ta' heffa, konsistenza, u xogholu ma kienx ta' min joqghod fuqu. Kien jiehu zbalji fil-medicini li jaghti lill-klijent, u dawn graw f'zewg spizeriji. Dan kien qed iqum il-flus u jikkaguna hela ta' energija peress illi l-ispizjara l-ohra kien ikollhom jiccekkjaw u jikkoregu l-izbalji kontinwi tar-Rikorrent.

Falliment iehor serju kien meta halla l-ispizerija miftuha, u bis-*safe* bil-flus miftuh. Kienet/kien il-farmacista li kienet/kien *duty* l-ghada filghodu li ndunat/induna x'kien gara. Ir-Rikorrent kien jaf illi s-*safe* kien f'arja komuni li setghet tkun accessibbli facilment mill-istaff tad-*dental clinic*, mill-istaff illi jihdu hsieb it-tindif u anki mill-pazjenti.

Ir-*reprimand* zied ighid illi l-gravita' tal-azzjonijiet tar-Rikorrent kienu jiggustifikaw azzjoni dixxiplinarja li setghet twassal ghal tkeccija; u jekk kienet se terga' tintilef il-fiducja fl-abbilta' tar-Rikorrent illi jedempjixxi dmirijietu kif mistenni kienet se tittiehed ghal darb'ohra azzjoni dixxiplinarja li setghet tinkludi tkeccija.

Ir-*reprimand* fakkritu wkoll fl-importanza kritika li jezercita gudizzju ta' min jafda fih peress illi jkun qed jittratta bis-sahha tal-pazjent.

Ir-Rikorrent inghata gimghatejn li matulhom kien mistenni li juri progress immedjat biex juri li kapaci jaghmel ix-xoghol mistenni minnu; u fin-nuqqas ta' dan jitkecca mill-impjieg, anki qabel jaghlqu l-gimghatejn.

---

[1] Dok. 7
[2] Pagna 18 tat-traskrizzjoni tax-xiehda tas-Sinjura Falzon li nghatat fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018
[3] Pagna 19 tat-traskrizzjoni tax-xiehda tas-Sinjura Falzon li nghatat fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018

Sarlu appell fl-istess *reprimand* biex jihu l-ammoniment bis-serjeta` ghaliex l-interess tas-Socjeta` kien dak illi jara lill-impjegati jirnexxu.

Rigward 2.2., ir-Rikorrent ammetta li halla bieb tal-*istore* ta' spizerija miftuh.[4] F'dad-Dokument is-Sur Hazzouri assuma r-responsabbilta` fil-kaz illi kienu jonqsu xi flus jew oggetti mill-*istore* minhabba li kien halla l-*istore* miftuh.

Dwar l-akkuza li r-Rikorrent ma kienx kompetenti biex juza s-sistema tal-Iskema tal-Ispizerija tal-Ghazla Tieghek, din ukoll giet ippruvata.

Il-*curriculum vitae* tar-Rikorrent tiddikjara li r-Rikorrent kellu tmintax il sena esperjenza bhala *managing pharmacist in community pharmacy (including management and supervision of POYC)*[5].

Is-Sur Falzon, sid is-Socjeta`, xehed illi qabel ma mpjega lis-Sur Hazzouri huwa kellu s-*cv* tieghu.[6]

Huwa xehed ukoll illi, "Kwalunkwe spizjar li jahdem fil-komunita` fl-ispizeriji privati jrid ikun kapaci jhaddimha... Fil-bidu ... s-Sur Hazzouri qalilna iva li jaf joperaha, ... li jaf ihaddimha dis-sistema, dil-*IT system*. Meta gejna fir-realta` bazikament kien hemm problemi kbar... kien *lacking* hafna fin-*knowledge* tieghu bhala sistema...kellu nuqqasijiet kbar ... ghax apparti li jinholqu problemi dak il-hin mal-pazjenti, *there again* tista' titlef il-klijenti ghax ahna tal-inqas mal-medicina tal-Gvern niehu *remuneration* mill-Gvern; apparti minn hekk kien hemm spizjara ... mpjegati maghna li jridu joqoghdu jirrangaw l-izbalji warajh ukoll; hela ta' hin *which is* ovvjament *time is money* ..."[7] " ... biex tkun spizjar trid tkun taf thaddem il-POYC. Jekk qed tahdem fil-komunita` ma tistax ma tkunx taf thaddem is-sistema tal-POYC. Kif ha taqdi lill-pazjenti?"[8]

Is-Sur Falzon xehed illi l-*IT system* tal-*POYC* ma nbidletx. L-*IT system* tal-proceduri, u cioe` il-*point of sale system* illi nbidlet.

Is-*Sales Assistant* Ms Gracelle Debono xehedet illi, "Lilu (lis-Sur Hazzouri) bdejt nurih is-sistema (tal-*POYC*). ... Kont ghentu ... u nurih kif ghandu jibda jaghmel l-*entitlements* tal-*patients* imma ... ma kienx jaghmilhom xorta wahda."[9]

Mrs Falzon xehedet, "Jiena kont saqsejtu *specifically* jekk jaghmilx *POYC* u kien qalli iva li jaghmel il-*POYC*."[10]

---

[4] Dok. 8
[5] Dok. OF 10
[6] Pagna 11 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018
[7] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018
[8] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2018
[9] Pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-21 ta' Frar 2019
[10] Pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2019

Is-Sur Hazzouri xehed, illi "... dan il-*POYC my direct involvement I am not well updated* ghax *I am new to the system.*"[11]

Rigward 2.3.:

dwar ilmenti minn klijenti minhabba zbalji li r-Rikorrent kien jaghmel meta jaghti l-medicina, s-Sinjura Falzon Seychell, sid tas-Socjeta`, bi tnax il sena esperjenza ta' spizjara u kkwalifikata fil-farmacewtika bi grad ta' *Master*, xehdet illi, "Darba kont San Filippu bhala *pharmacy* ... gie pazjent u qal lis-Sur Hazzouri: ilbierah gejt u t-tabib taghni solupred tal-20 u inti tajtni tal-5. Dar fuqi l-pazjent u qalli: sibli r-ricetta. ... Sibt ir-ricetta. ... Beda jikkomplejnja hafna ghall-fatt illi dat-tabib qallu li solupred tal-20 u kellu qtugh ta' nifs u meta dan minflok tah tal-20 tah tal-5 ... Sibna r-ricetta u kien hemm evidenza li dan vera kien hemm *dispensing error* ...[12]

hija xehdet ukoll: "Kaz iehor f'San Filippu:

"... Il-persuna kellha miktub "atorvastatin 80 mgs daily .... Lestejthomlha kemm jaqbad u jiddispensjahomlha.... Din giet il-ghada filghodu ... , qaltli: l-ispizjar tal-bierah filghaxija ma riedx itihomli l-medicini. ... Lanqas biss stajt nibdihom. ... Meta staqsejt lilu qalli: ghax kien hemm miktub atorvastatin 80 u inti hrigt tal-40. Ghedtlu: ... tnejn tal-40 mhux 80? ..."[13];

xehdet ukoll fuq kaz iehor:"Dan gara l-*Mediatrix*: tabib (Robert Gauci) kellu bzonn vaccin tal-MMR u jiena *I made it a point* illi tkun hemmhekk filghaxija. ... kienet fil-*fridge* din. Il-ghada (t-tabib) cempilli, qalli: kif gibt lill-pazjenta ghalxejn u l-*vaccine* ma kenitx fil-*fridge*? ... Ghedtlu l-*vaccine* kienet fil-*fridge*, jisimha Priorix. ... Li gara f'dik ic-cirkostanza kienet fil-*fridge* u ma kienx kapaci jiddistingwi liema *vaccine* kienet ordnata ... u kieku cempilli jien kont nghidlu isma' ha ssibha bhala Priorix. Imma dan mhux *training* illi rrid intih jien ta! Dawn huma affarijiet illi ghandek spizjar suppost b'certa esperjenza."[14];

l-allegati ncidenti dwar l-aspirin/atenolol, u l-methotrexate/metformin ma gewx accettati mit-Tribunal peress illi min irraporthom ma xehdux; lanqas ma gew accettati mit-Tribunal ix-xiehda ta' Ms Sonia Cordina, u Ms Danica Caruana peress illi r-Rikorrent ikkontenda li ma hadimx maghhom u s-Socjeta` ma pprovdietx lit-Tribunal bir-roster/s li juri ma' min kien imisshom jahdmu, peress illi skond is-Socjeta` r-*rosters* ma jinzammux ghal zmien twil;

---

[11] Pagna 17 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2020
[12] Pagna 15 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2018
[13] Pagna 17 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2018
[14] Pagna 20 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2018

dwar agir skorrett min-naha tas-Sur Hazzouri mal-kollegi, is-Socjeta` pprezentat tlett *affidavits* li jiddikjaraw illi l-awturi taghhom irrapurtaw l-ilment taghhom lid-diretturi tas-Socjeta` fiz-zmien illi kien isehh l-agir ta' kunfidenza fizika min-naha tar-Rikorrent[15]; meta l-avukat Zerafa saqsa lis-Sinjura Falzon Seychell: "Hassejt illi bhala direttur il-htiega li tivverifika per ezempju through *cameras* li ghandkom gol-ispizeriji stess dawn l-allegazzjonijiet (min-naha tas-*sales assistants* dwar fastidju)?" ix-xhud wiegbet: "Ma kellix bzonn il-htiega ghax l-istess haga kienet qed issir mieghi."[16]

"dil-haga (nuqqas ta' sensittivita' fl-imgieba tar-rikorrent man-nisa) kont semmejthielu verbalment. Kont ghedtlu sottili. Ghedtlu meta tkun qed tahdem mal-kollegi specjalment nisa, tmissx fizikament maghhom, tmisshomx minn spallithom biex tkellimhom."[17]

fin-Nota ta' Sottomissjonijiet u fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Ulterjuri r-Rikorrent ipprova jiskredita x-xiehda peress illi l-bicca l-kbira tax-xiehda nghatat mill-impjegati tas-Socjeta`. It-Tribunal ma jaccettax dal-argument ghaliex jekk ix-xiehda tal-impjegati tigi skreditata minhabba li huma mpjegati tas-Socjeta` l-*employer* jigi michud minn xiehda diretta rigward nuqqasijiet illi jsiru fuq il-post tax-xoghol; Ms Dorianne Micallef[18], u Ms Gracelle Debono[19], tnejn mix-xhieda mtella' mis-Socjeta`, xehdu li ma baqghux jahdmu mas-Socjeta`; ghalhekk ma kellhomx interess la li jitilghu jixhdu u lanqas illi jfasslu x-xiehda taghhom biex jinhabbu mas-sidien;

filwaqt illi s-Socjeta` ppruvat illi s-Sur Hazzouri kien igib ruhu b'mod skorrett mal-kollegi, ma ppruvatx illi huwa wera kunfidenza zejda ma' klijenti, u lanqas illi kollegi ma ridux jahdmu waqt illi jkun fl-ispizerija.

Rigward 2.4 huwa ppruvat illi:

ir-Rikorrent irrifjuta li jahdem gewwa spizerija fejn kien intbaghat jahdem, baqa' jinsisti li jahdem go spizerija tal-ghazla tieghu; ix-xiehda tar-Rikorrent ma thallix dubju dwar dan peress illi hija dik illi s-Sur Hazzouri ggustifika tali rifjut[20];

---

[15] Dok. TG huwa ta' Ms Theresa Galea, *pharmacy sales assistant* fl-ispizerija tal-Birgu tas-Socjeta`; Dok. MVA huwa ta' Ms Maria Victoria Attard, *pharmacy sales assistant* fl-ispizerija ta' Bormla tas-Socjeta` (dal-affidavit ighid illi Ms Attard hadmet mas-Sur Hazzouri fl-ewwel kwart tal-2018; huwa ovvju ghat-Tribunal illi s-sena kienet l-2017); Dok. AB 1 huwa ta' Ms Dorianne Micallef, *pharmacy assistant* fl-ispizerija tas-Socjeta` go Haz-Zabbar

[16] Pagna 20 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2019

[17] Pagna 23 tat-traskrizzjoni tax-xiehda tas-Sinjura Falzon li nghatat fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018

[18] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2019

[19] pagna 8 ta' Dok. AZ 5.

[20] Pagna 27 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-30 ta' Jannar 2020

tali rifjut kiser il-kuntratt tal-impjieg; klawsola 1.5 tal-kuntratt[21] ighid, "*The Employee hereby agrees that his role will entail working in all of the pharmacies operated by the Employer …*";

b'konsegwenza tar-rifjut is-Sur Hazzouri holoq diffikultajiet kbar lis-Socjeta`; is-Sur Falzon xehed illi, "Xi s-siegha ta' wara nofs in nhar ircevejt *email* minghandu (ir-Rikorrent) fejn ighidli li ma jistax ikellimni u jekk irrid nistghu niltaqghu l-*pharmacy* taghna Haz-Zabbar meta ahna diga` kellna *scheduled* spizjar iehor fl-ispizerija ta' Haz-Zabbar; l-Isla konna ha nispiccaw bla spizjar, li ovvjament ma tistax tiftah. Il-*Legal Notice* tghid illi l-ispizeriji jridu jifthu mid-disgha sa nofsinhar u mill-erbgha sas-sebgha. … Il-mara tieghi, li hija spizjara, kellha tidhol tirriplejsja hi bid-diffikultajiet kollha ghax ghandna zewgt itfal zghar …. Ircevejt ittra minghand l-avukat tieghu dakinhar stess fejn qalli l-istess haga li qalli hu. Mort Haz-Zabbar biex nara x'ha jigri. Kien hemm l-ispizjar l-iehor prezenti biex jiftah l-ispizerija."[22]

**3.2.** Il-kontenut tal-punti 2.1 sa 2.4 jirrifletti r-ragunijiet tat-tkeccija kif imsemmija fil-konferma mibghuta mis-Socjeta` lir-Rikorrent dwar it-tkeccija mill-impjieg tieghu[23].

**3.3.** Filwaqt illi, wara li fela d-difiza tar-Rikorrent ghal kull wahda mir-ragunijiet tat-tkeccija u sab illi 2.1 sa 2.4 gew ippruvati hlief ghal eccezzjonijiet imsemmija t-Tribunal ezamina jekk id-decizjoni tat-tkeccija kenitx gustifikata.

**3.4.** Ir-Rikorrent xehed, "… Mela *in the last three hours* (tax-*shift* tal-ghodwa tal-jum tat-tkeccija) giet … *She was very nervous.* … U tistaqsini ghaliex ma tridx tiktibhom. *I told her I'm a pharmacist. I'm not a doctor. But I write them. You have to write them. I told her this is illegal. … Who told you that? I told her I took a legal advice and I can't touch.* … Tlett sighat u tghajjat u ssabbat. Ghamlitli demmi ilma u jiena nipprova nikkalmaha. *It is not the right time, the right place, to discuss these issues. Let us after work have a meeting. We can go in all detail,* u taqbez u ma taghtix kazi. … *She tried to provoke me* kemm setghet. *I have always answered her the same: I'm a pharmacist and I will never do the work of a doctor.*" [24]

Il-verzjoni tar-Rikorrent illi kellu kwistjoni fil-ghodwa tal-15 ta' Marzu 2017 (huwa tkecca wara nofs in nhar tal-istess jum) rigward id-dispensa ta' medicina li r-ricetta taghhom kienet iffirmata minn tabib izda r-

[21] Dok. OF 2
[22] Pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018
[23] Dok. 12
[24] Pagna 27 tat-traskrizzjoni taas-seduta tat-30 ta' Jannar 2020

ricetta per se ma kenitx tidher u kwindi r-rikorrent irrifjuta li jiddispensa l-medicina mitluba mill-klijent, hija kredibbli.

**3.5.** Ghall-mistoqsija tal-avukat Zerafa: "Jekk hi tatx struzzjonijiet lis-Sur Hazzouri ... biex meta jkun hemm *control card* skaduta r-*renewal card* jimliha hu ... u mhux it-tabib kif suppost," it-twegiba tas-Sinjura Falzon Seychell kienet, "Jiena dejjem ghedtlu biex ighaddi l-affarijiet lit-tabib. Ikollok xi problema jkun hemm it-tabib."[25] Kienet fuq insistenza tat-Tribunal biex twiegeb b'mod kategoriku ghall-mistoqsija li x-xhud wiegbet, "Le."[26]

Ghall-mistoqsija tal-avukat tar-Rikorrent, "... Jekk insaqsik jekk is-sur Hazzouri kienx jirrifjuta li jaghmilhom hu dawk ir-*renewal forms* (meta l-*control card* tkun skadiet) minflok it-tabib, x'itghidli?" is-Sinjura Falzon Seychell wiegbet illi ma tiftakarx![27]

U meta l-Avukat Zerafa saqsiha, "Kien hemm *renewal forms* iffirmati diga` mit-tabib u kemm timlewhom inthom?" hija wiegbet illi ma tiftakarx.

It-Tribunal isibha difficli biex jifhem kif ma tiftakarx x'kien isir f'perjodu li kif spjega t-tabib koncernat, Dr Joseph Tonna, lill-*Kumitat* tad-Dixxiplina tal-Kunsill tal-Farmacija[28] huwa talab lis-Sinjura, "... *to help him out with the writing of the repeat prescriptions (during his period of convalescence and treatment).*" Dan kien fenomenu eccezzjonali li jkollok tabib prattikanti li jkun ghaddej minn zmien ta' mard serju li jiddebilitah u li huwa jitlob il-ghajnuna ta' spizjara fil-kitba ta' ricetti fl-assenza tieghu; u li, skond l-istess *Kumitat*, tali ghajnuna tenhtieg *modus operandi* differenti[29].

Hija l-konvinzjoni tat-Tribunal illi ghas-Sinjura Falzon kien facli li tiftakar tali esperjenza.

U ghalhekk it-Tribunal jilqa' x-xiehda tar-Rikorrent f'3.4 bhala verzjoni kredibbli.

**3.6.** Filwaqt illi t-Tribunal japprezza r-rabja li jidher illi qabdet lis-Sinjuri Falzon minhabba d-decizjoni tar-Rikorrent illi jattendi spizerija li ried hu, it-Tribunal jifhem l-istat ta' konflitt u tensjoni li kien ghaddej minnu s-Sur Hazzouri minhabba l-incident tal-ghodwa tal-15 ta' Marzu 2017 – konflitt bejn il-pressjoni li ghamlet fuqu s-Sinjura Falzon bhala

[25] Pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2019
[26] Pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2019
[27] Pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2019
[28] Pagna 9 tad-Dok. AZ 6
[29] Pagna 17 tad-Dok. AZ 6

rapprezentanta tal-*employer* tieghu u l-interpretazzjoni legali li s-Sur Hazzouri xehed illi kien inghata dwar L.S. 458.49.

Kieku r-Rikorrent ceda ghal tali pressjoni kien ikun qed jippartecipa b'mod dirett fi procedura li skond il-Kumitat tad-Dixxiplina tal-Kunsill tal-Farmacija, "*was not tantamount to good practice. This practice was open to abuse by any professional working in the pharmacy.*"[30]

Huwa ma riedx illi jerga' jaffronta l-istess sitwazzjoni fl-ispizerija fejn kienet qed tigi pprattikata dik illi huwa kkunsidra bhala rregolarita` - interpretazzjoni li kienet ikkonfermata mill-*Kumitat* ta' Dixxiplina tal-Kunsill tal-Farmacija.

Ir-Rikorrent ma marx fl-ispizerija illi kienet assenjata lilu mhux b'kapricc izda minhabba li ried jonora l-"*code of ethics*[31]".

**3.7.** Is-Socjeta` ghagglet meta ddecidiet illi tkecci lir-Rikorrent u li tkeccih minghajr ma taghtu c-cans illi tisimghu jaghmel il-pozizzjoni tieghu bil-kalma u bil-kwiet f'ambjent trankwill.

**3.8.** Filwaqt illi n-nuqqasijiet illi semmiet is-Socjeta` li kkagunaw it-tkeccija huma fil-parti l-kbira taghhom ippruvati, u dan wara li t-Tribunal fela d-difiza tar-Rikorrent rigward l-istess nuqqasijiet, ir-Rikorrent sostna li s-Socjeta` qabdet mieghu biex tkeccih. Bhala ezempji semma 1.3 sa 1.9.

**3.9.** Rigward 1.3:

Is-Sinjura Falzon Seychell xehdet illi, "Jiena meta hadt over il-*management* ghedtilhom kull spizjar ghandu l-*user id* tieghu. Min qieghed hemmhekk irid jidhol bil-*log-in* tieghu."[32]

Mal-operaturi ta' qabel, rapprezentati mis-Sinjura Gauci, ir-Rikorrent ma kienx jinvolvi ruhu direttament u fid-dettal fl-implimentazzjoni tal-iSkema tal-Farmacija tal-Ghazla Tieghek. Tali mplimentazzjoni kienet issir mis-*Sales Assistants*.

L-operaturi l-godda ezigew illi s-Sur Hazzouri, bhala spizjar, jimplimenta l-iSkema.

L-*employer* ghandu dritt illi jistabilixxi l-i*standards* proprji tieghu li jistenna mill-operat tieghu u kwindi mill-impjegati tieghu. Dawn l-i*standards* jistghu jkunu oghla minn dawk preskritti mill-i*standards* ordinarji. Dan id-dritt huwa wiehed mill-vantaggi li mprenditur jista' jadotta biex ikun aktar kompetittiv. Fuq kollox, ghalkemm is-Sur Hazzouri xehed illi,"*... il-POYC my direct involvement I am not well*

[30] Ibid.
[31] Pagna 17 tad-Dok. AZ 6
[32] Pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2019

*updated* ghax *I am new to the system*"[33] huwa pprezenta *Letter of Reference* li tghid illi mill-2008 sal-2011, "*He was also engaged in the new scheme of the Pharmacy Of Your Choice ... In addition to his duties he took management, supervision, and implementation of the said Scheme.*"[34]

Mela, sakemm il-*Letter of Reference* ma kenitx fazulla, kulma kellu bzonn ir-Rikorrent kien illi jaggorna ruhu fl-iSkema!

Mill-mistoqsija tal-Avukat Dr Zerafa, li assista lir-Rikorrent, "Naqblu li x-xoghol tal-*assistant* huwa per ezempju li jirrispondi t-telefon?" it-Tribunal jinferixxi li ghas-Sur Hazzouri huwa bhala spizjar ma kellux jirrispondi t-telefon ghaliex ghalih dak huwa xoghol tal-ufficcju. Is-Sur Falzon wiegeb, "Le." It-Tribunal jaccetta dit-twegiba peress illi japprezza li go spizerija, kif xehed is-Sur Falzon, "Meta jdoqq it-telefon, min ikun ... l-aktar ... vicin jew ... l-aktar jekk ma ghandux nies dak il-hin, jirrispondi hu."[35]

It-Tribunal ma jsibx gustifikazzjoni ghall-allegazzjoni tar-Rikorrent illi s-Socjeta` qabdet mieghu billi ppretendiet illi jimplimenta l-iSkema tal-Farmacija tal-Ghazla tieghek, u li huwa jwiegeb it-telefon!

**3.10.** Rigward 1.4:

Dal-punt qatt ma ssemma waqt is-seduti, u anqas u anqas ma kien ippruvat. L-unika referenza li saret dwar is-Sinjura tar-Rikorrent kienet permezz tal-prezentazzjoni tac-certifikati tal-mard u ta' email mis-Socjeta` biex is-Sur Hazzouri jipprezentalha c-certifikati peress illi huwa telaq minn fuq il-post tax-xoghol fuq *urgent leave*.

It-Tribunal isib illi tali talba mis-Socjeta` kienet legali u legittima. Ghalhekk ma jikkunsidrax illi b'daqshekk is-Socjeta` qabdet mieghu.

**3.11.** Rigward 1.5:

Hija l-prerogattiva tal-*employer* illi jassenja x-xoghol kif jikkonstata li jkun l-ahjar, tenut kont tal-efficjenza, u l-valur tas-servizz lill-klijent, minghajr ma johloq ingustizzji lill-impjegat u dan fil-kuntest tal-*assessment* tal-*employer* dwar l-i*strengths* u l-*weaknesses* tal-*performance* tal-impjegat.

Is-Socjeta` uzat is-servizzi tar-Rikorrent fil-konfini tal-kuntratt tal-impjieg. It-Tribunal ma jqisx illi l-fatt illi s-Socjeta` kienet qed iddawwar lis-Sur Hazzouri mal-ispizeriji taghha bhala abbuz jew bidla fil-kundizzjonijiet tal-impieg.

---

[33] Pagna 17 tat-traskirzzjoni tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2020

[34] Dok. 20

[35] Pagna 15 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018

**3.12.** Rigward 1.6:

Is-Sur Falzon xehed illi, "Fl-ispizerija kien hemm zewg spizjara, wiehed jaqdi n-nies u l-iehor qieghed hdejk jara x'inti taghmel – *on the job training*. Dik kienet l-idea."[36] U, "Tajnih xahar … bin-nies li kien jahdmu maghna … kienu jakkumpanjawh fil-*pharmacy* u kienu juruh certu affarijiet … semplici – *excel sheets*; kien *lacking* hafna meta nigu ghal dawn l-affarijiet."[37]

Ms Gracelle Debono, *Sales Assistant* fi spizerija tas-Socjeta`, xehdet, "Meta San Filippu ha l-Mediatrix taht idejh kellna *training*, … kemm jien u kemm huwa, kemm minn Arlette u kemm jigifieri fuq il-*computers*; ghamlet gimgha maghna …"[38]

Is-cv tar-Rikorrent juri li huwa ghandu gharfien prattiku f'livell intermedjarju tal-*excel*.[39]

Ghaldaqstant is-Sur Hazzouri ma rnexxilux jikkonvinci lit-Tribunal illi s-Socjeta`qabdet mieghu billi ma taghtux it-tahrig necessarju.

**3.13.** Rigward 1.7:

Ghax-xahar ta' Frar thallas skond il-kuntratt u cioe` Ewro 2,458.33, maqsumin bejn paga bazika u *car cash allowance*[40]; tali qasma tiffavorixxi lill-impjegat fir-rigward ta' taxxa dovuta mill-impjegat. Ghall-perjodu min-nofs Jannar 2017, meta r-Rikorrent beda jahdem mas-Socjeta` (Dok. JS 1) sal-31 ta' Jannar 2017 it-Tribunal ma nghatax taghrif dwar ir-rata ta' paga li r-Rikorrent kellu ma' min ittrasferixxa n-negozju; kulma r-Rikorrent pprezenta lit-Tribunal huwa Dok. Nru 5 li juri l-paga bazika bhala Ewro 661 aktar mill-paga bazika kif maqsuma bejn paga bazika u *car cash allowance*. Huwa ovvju li l-Ewro 661 kienu jirrigwardaw il-paga fuq bazi part-time min-nofs Jannar 2017 sal-ahhar tal-istess xahar; dan jaghmel sens peress illi skond il-kuntratt illi r-Rikorrent kellu mal-operaturi ta' qabel[41], is-salarju fix-xahar kien ta' Ewro 1,200. Ir-Rikorrent ma ppruvax illi s-Socjeta hallsitu n-nieqes; huwa ma pprezenta xejn dwar kemm thallas, jekk thallas, f'Marzu 2017.

Ghalhekk it-Tribunal ma sabx illi s-Socjeta` hallset lis-Sur Hazzouri anqas milli pprovdut fil-kuntratt ta' mpjieg.

**3.14.** Rigward 1.8:

---

[36] Pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2018
[37] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018
[38] Pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-21 ta' Frar 2019
[39] Dok. OF 10
[40] Dok. Nru 5
[41] Dok. OF 1

Ghalkemm ir-Rikorrent ma ttrattax dal-punt waqt is-smiegh tal-Kwistjoni ghandu ragun illi jhoss nuqqas ta' attenzjoni min-naha tas-Socjeta` lejn it-talba tieghu ghal kif kien jixtieq illi jiehu l-*vacation leave*.

**3.15.** Rigward 1.9:
It-Tribunal jaghti ragun lis-Sur Hazzouri meta dan irrifjuta li jkollu x'jaqsam ma' prattika li hija meqjusa mill-Kumitat ta' Dixxiplina tal-Kunsill tal-Farmacija bhala wahda li mhix konformi mal-*code of ethics*. Izda s-Sur Hazzouri nnifsu stqarr, "*If I had obeyed the order and took part of what Mrs Falzon had told me to do I'm still working there till today* ...."[42]
U ghall-mistoqsija tal-Avukat Dr Zerafa, "F'nofs in nhar hareg mill-ispizerija. Kont behsiebek illi tibghatha t-termination letter *at that point*?" Arlette: "*No.* X'nibghat it-*termination letter* ...".[43]
Mela ntbaghat jahdem fl-ispizerija San Filippu mhux biex is-Socjeta` taqbad mieghu izda ghaliex is-Socjeta` stenniet illi huwa jkun kompjacenti.

**3.16.** L-uniku ezempju li r-Rikorrentipprezenta lit-Tribunal dwar l-allegazzjoni tieghu illi s-Socjeta` kienet qabdet mieghu li jista' jkun minnu (dal-ezempju ma tqajjimx waqt is-smiegh; jidher biss fir-Rikors) huwa dak ta' 1.8., izda dan mhux bizzejjed biex jikkonvinci lit-Tribunal li s-Socjeta` kienet qabdet mas-Sur Hazzouri.

**3.17.** Forsi l-aqwa prova li tezisti li s-Socjeta` ma kenitx imqabbda mar-Rikorrent hija dik illi ma applikatx il-kundizzjoni tal-kuntratt tal-impjieg rigward informazzjoni skorretta li r-Rikorrent ta lis-Socjeta` rigward il-kompetenza tieghu fl-iSkema tal-iSpizerija tal-Ghazla Tieghek. , "... *the Employee shall be subject to immediate dismissal ... i) should it result that any material information of whatever nature given by the Employee in relation to his application for employment, prove to be incorrect* ....".

**3.18.** Meta sehhet it-tkeccija, l-ittra tal-Avukat Dr Fenech Vella ghan-nom tar-Rikorrent, imsemmija f'1.11, kienet ghadha ma wasletx ghand is-Socjeta`[44]. Il-verzjoni tar-Rikors dwar fejn kellu jkun il-*locum* mhix kredibbli meta mqabbla max-xiehda tas-Socjeta`. Is-Sinjuri Falzon xehdu li ghax-*shift* ta' filghaxija tal-15 ta' Marzu 2017 is-Sur Hazzouri

[42] Pagna 31 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-30 ta' Jannar 2020
[43] Pagna 22 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2019
[44] Doc. No. 18

kien assenjat biex jattendi l-ispizerija tal-Isla u mhux ta' Haz-Zabbar.[45] Fil-fatt ipprovdew *locum* ghall-ispizerija ta' Haz-Zabbar.

**3.19.** Dwar 1.13 it-Tribunal ma sabx prova li l-operaturi l-godda biddlu ghall-aghar il-kundizzjonijiet tal-impjieg tar-Rikorrent kif imfissra fl-artiklu 2 tal-Kap 452.

Is-Sur Hazzouri donnu ried jalludi ghall-involviment dirett tieghu fit-thaddim tal-iSkema tal-Ispizerija tal-Ghazla Tieghek, "Jiena Mrs Falzon, *against all laws and regulations,* meta *hadet over* biddlitli l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghi u dan il-*POYC my direct involvement I am not well updated* ghax *I am new to the system.*"[46] It-Tribunal ma jaccettax dil-allegazzjoni. Is-Socjeta` mxiet skond ic-*cv* li forniha r-Rikorrent.[47]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu r-Rikorrent osserva li billi huwa ntrabat fil-kuntratt tal-impjieg illi jahdem fi kwalunkwe spizerija operata minn San Filippu Pharma Ltd ma jfissirx bilfors illi jkun *rotating pharmacist*. It-Tribunal ma jqisx dil-allegazzjoni bhala bidla tal-kundizzjonijiet tal-impjieg skond l-artiklu 2 tal-Kap 452. Is-Socjeta` li mpjegat lir-Rikorrent kellha sitt spizeriji; il-kuntratt illi kellu s-Sur Hazzouri mal-operaturi ta' qabel kien ma' spizerija wahda[48]. L-operaturi l-godda offrewlu mpieg *full-time* bil-kundizzjoni li jahdem fejn jassenjawh huma.

Rigward il-paga: Is-salarju annwali mas-Socjeta` kien ta' Euro 29,500.[49] Is-salarju li kellu mal-operaturi ta' qabel, li kien fuq bazi *part-time*, kien ta' Euro 1,200 fix-xahar. Bil-kuntratt il-gdid il-paga zdiditlu b'Euro 29 fix-xahar[50]. Barra minn hekk, mas-Socjeta` s-Sur Hazzouri nghata beneficcji bil-kuntratt, illi ma kenux jidhru fil-kuntratt illi kellu mal-operaturi ta' qabel, u cioe` il-permess illi jahdem ghaxar sighat fil-gimgha ma' kumpanija ohra, skont fuq xiri li jaghmel ghall-uzu tieghu personali mill-ispizeriji tas-Socjeta`, kif ukoll il-fakulta' li jhalli xi *vacation leave* ghas-sena ta' wara dik illi jkun intitolat ghalih.

**3.20.** It-Tribunal ma jilqax l-argument tas-Socjeta` li galadarba s-sur Hazzouri ghalaq l-eta` tal-irtirar hija tista' ttemmlu l-impieg; la dahlet f'kuntratt ta' mpieg wara li r-Rikorrent lahaq l-eta` tal-irtirar is-Socjeta` marbuta li tonora tali kuntratt.

---

[45] Pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018 u pagna 21 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2019

[46] Pagna 17 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2020

[47] Artiklu 3.1 rigward 2.2, u artiklu 6.2 rigward 1.4 ta' did-Decizjoni

[48] Dok. OF 1

[49] Nota tar-Rikorrent illi waslet ghand it-Tribunal fit-12 ta' Marzu 2020

[50] 29500/12 = 2458 fix-xahar ghal 40 siegha fil-gimgha; 2458/2 = 1229 ghal 20 siegha fil-gimgha

**3.21.** Ir-Rikorrent ma kellux attitudni kostruttiva lejn l-*employer* tieghu. Is-Sinjura Falzon xehdet illi, "(Fir-*reprimand letter*) semmejnilu … l-*IT difficulties*. Ma qalilniex isma' jiena nhoss illi per ezempju ghandi bzonn iktar ghajnuna fuq din jew fuq l-ohra …. Ir-risposta waslet minghand l-avukat tieghu …. Jigifieri hu lanqas biss ried ikellimna dirett. … Jien niftakar lis-Sur Hazzouri kont saqsejtu ghedtlu ma ghandek xejn x'tirrispondi fuq ir-*reprimand letter* personali? U kien qalilna qed jifformula ittra l-avukat tieghi."[51]

**3.22.** Hija l-fehma tat-Tribunal illi kien il-fatt illi r-Rikorrent qabad u ddecieda li jmur jahdem fi spizerija tal-ghazla tieghu minflok dik assenjata lilu ghal dak in nhar tal-15 ta' Marzu 2020 li skattat it-tkeccija tieghu. Kif jidher f'3.15, is-Socjeta`, sakemm spicca x-*shift* ta' filghodu ma kenitx se tkecci lir-Rikorrent.

Is-Sur Falzon xehed illi, "Meta tikkompawndja kollox u meta wasalna fl-ahhar estremita` li dan ma riedx imur ix-xift skond it-*timetable* li kellu ma kellix ghazla ohra hlief nghidlu isma' ahna ma jistax ikun nibqghu sejrin hekk, irridu nitterminawlek l-*employment* tieghek, u bghattlu *letter of dismissal* il-ghada filghodu stess."[52]

U s-Sinjura Falzon, "Kien hemm *multitude* t'affarijiet. Fosthom l-akbar wahda …" u rreferiet ghall-fatt illi rceviet *email* li ghax-xift ta' wara nofs in nhar kien ser jattendi fl-ispizerija ta' Haz-Zabbar minflok f'dik tal-Isla.[53]

Pero` s-Sur Hazzouri ma ghamilx hekk b'kapricc. Kien taht tensjoni qawwija kif konfermat ukoll permezz tal-ittri tal-Avukat Dr Fenech Vella, li dan tah parir biex ma jmurx ghax-xoghol minhabba l-istat illi kien fih. L-ittri kienu jitolbu wkoll ghal laqgha bejn is-Socjeta` u r-Rikorrent fil-prezenza tal-avukati taz-zewg partijiet biex jirrisolvu l-qaghda tar-relazzjonijiet ta' bejniethom.[54]

Ir-Rikorrent hass illi kien qed jinghata ordni llegittima mill-*employer* tieghu. Kien ghalhekk illi ma felahx jaffronta l-istess sitwazzjoni u kwindi rraguna li kien ikun ahjar, biex ma jikkompromettix l-etika professjonali, li jmur jahdem fi spizerija ohra tas-Socjeta`.

**3.23.** Is-Socjeta` ma nnegatx il-konfrontazzjoni li r-Rikorrent allega li kien hemm fil-ghodwa tal-15 ta' Marzu 2017.

It-Tribunal isib il-verzjoni tas-Sur Hazzouri dwar x'gara fil-ghodwa tal-15 ta' Marzu 2017 kredibbli.

---

[51] Pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2019

[52] Pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018

[53] Pagna 21 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2019

[54] Doc. Nos 8, u 11

**3.24.** Is-Socjeta` ghagglet meta ddecidiet illi tkecci lir-Rikorrent. Ma tatux l-opportunita' li jezercita d-dritt tieghu li jipprezentalha l-pozizzjoni tieghu, id-difiza tieghu bl-assistenza tal-avukat tieghu jekk huwa kien hekk jitlob. Dan kien jedd tas-Sur Hazzouri rrispettivament milli l-kuntratt tal-impjieg kien ighid illi, "... *the Employee shall be subject to immediate dismissal ... if the Employee shall have committed any serious breach of the obligations he has agreed to fulfil under this Agreement ....*"

**3.25.** Fl-istima tal-kumpens monetarju t-Tribunal jaghti kunsiderazzjoni mitiganti ghal 3.1 fir-rigward ta' 2.1, 2.2, u 2.3 peress illi dawn (hlief ghall-eccezzjonijiet imsemmija fl-istess 3.1 li t-Tribunal ma qiesx illi kienu ppruvati), fil-kwadru ta' l-istampa kollha tal-*performance* tar-Rikorrent fil-pozizzjoni professjonali tieghu incidew fuq id-decizjoni ahharija tat-tkeccija. Kunsiderazzjonijiet mitiganti ohra huma:

**3.25.1.** L-ittra tal-Avukat Dr Fenech Vella ddikjarat illi fil-kuntest tas-sitwazzjoni, is-Sur Hazzouri ma kienx se jestendi l-kuntratt hekk kif jispicca fi zmien disa' xhur wara li nkitbet l-ittra.[55] Fil-fatt il-kuntratt ma kellux jispicca qabel ghaxar xhur u nofs!

**3.25.2.** Is-Sur Falzon spjega li, "... dak iz-zmien u ghadu s'issa, sal-lum-il-gurnata tal-lum is-sitwazzjoni tal-ispizjara hawn nuqqas kbir fis-suq ta' spizjara; m'hawnx spizjara, sitwazzjoni ta' disprament hawn fis-suq ghax spizjara m'hawnx; jigifieri litteralment m'hawnx; ma ssibx; *you have to go headhunting* bil-Malti biex timpjega spizjara ghax m'hawnx ..."[56] Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja t-Tribunal iqis illi t-talba ghal spizjara hija b'sahhitha.

**3.25.3.** Ir-Rikorrent xehed illi, "... Qabel kont nahdem b'paga ta' 2,400 fix-xahar. Issa ... tlift *two-thirds of my income*."[57]
Ir-rikorrent ma ssottometta l-ebda prova li tikkollabora l-allegazzjoni tieghu li tilef zewg terzi tal-paga li kellu mas-Socjeta` bhala danni reali.

**3.25.4.** Ir-Rikorrent ma weriex illi ammetta l-izbalji tieghu, anzi kien iwahhal fic-cirkustanzi u l-attitudni tieghu kienet illi minflok jiddiskuti b'mod posittiv mas-superjuri tieghu kien jirrikorri ghand avukat. Din mhix relazzjoni sana u dejjiema li tispira fiducja bejn min ihaddem u l-impjegat.

---

[55] Pagna 3 ta' Doc. No. 8
[56] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018
[57] Pagna 23 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2020

## 4. Decizjoni

Wara li fela r-Rikors, ir-Risposta, il-provi, ix-xiehda, id-dokumentazzjoni, in-Noti, in-Noti ta' Sottomissjonijiet, ir-Replika, u n-Nota ta' Sottomissjonijiet Ulterjuri, li ngiebu ghall-attenzjoni tieghu u rrifletta sewwa fuq il-kunsiderazzjonijiet tieghu 3.1 sa 3.25.4, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tar-Rikorrent minn mas-Socjeta` ma kenitx wahda gusta u ghalhekk jichad it-talba tas-Socjeta` u filwaqt illi ma jilqax it-talba tar-Rikorrent li jordna lis-Socjeta` taghmel apologija lir-Rikorrent u lanqas illi jithallas mill-15 ta' Marzu 2017 sal-ahhar ta' Frar 2018, it-Tribunal jistabilixxi kumpens ghas-somma ta' sebat elef, u seba' mitt Ewro (€7,700). Dis-somma ghandha tithallas mis-Socjeta` Ntimata lir-Rikorrent mhux aktar tard mill-14 ta' Frar 2021.

Ghall-finijiet tal-Avviz 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed, b'dan illi l-ammont totali ta' €186.34 jithallas mis-Socjeta` Ntimata.

Ghall-iskopijiet tal-artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dal-Kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti.

B'hekk tintemm dil-Kwistjoni tax-Xoghol.

**(iffirmat)**

Joseph Delia
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarja